

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Lulju 2013 — Perfetti Van Melle vs UASI (DAISY)**

(Kawża T-381/13)

(2013/C 274/33)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Perfetti Van Melle SpA (Linate, l-Italja) (rappreżentant: P. Testa, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

#### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell, tal-10 ta' April 2013, fil-Każ R 427/2012-1, sa fejn hija tiċħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark "DAISY" għall-prodotti segwenti: ħelu, pasti, hlewviet, ħelu artab, ħelu li togħmod, karamella, chewing-gum, ġelatina (ħelu), likwirizja, lollipop, toffee, pastilji, zokkor, ċikkulata, kakaw;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark Komunitarja verbali "DAISY" għal prodotti fil-klassi 30 — applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 267 037

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:*

— ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 peress li l-kelma "DAISY" ma għandhiex karattru deskrittiv;

— ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 peress li l-kelma "DAISY" ma tiddekrivix karatteristika essenzzjali tal-prodott;

— ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 peress li l-kelma "DAISY" għandha karattru distintiv għal prodotti tal-ħelu.

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Lulju 2013 — Perfetti Van Melle vs UASI (MARGARITAS)**

(Kawża T-382/13)

(2013/C 274/34)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Perfetti Van Melle SpA (Linate, l-Italja) (rappreżentant: P. Testa, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

#### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-10 ta' April 2013 fil-Każ R 430/2012-1, sa fejn din tiċħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark "MARGARITAS" għall-prodotti li ġejjin: ħelu, pasti, penit, ġuġu, ħelu tal-gomma, karamella, chewing-gum, ġelatina (ħelu), likwirizja, lolipops, tofi, mustardini, zokkor, ċikkulata, kawkaw;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark Komunitarja verbali "MARGARITAS" għal prodotti fil-klassi 30 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 261 105

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* rikors miċħud

*Motivi invokati:*

— ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, peress illi l-kelma "MARGARITA" ma għandhiex karattru deskrittiv;

- ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 peress illi l-kelma “DAISY” ma hijiex deskrittiva ta’ karatteristika essenzjali tal-prodott;
- ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, peress illi l-frażi “MARGARITA” għandha karattru distintiv b’referenza għal prodotti tal-ħelu

**Rikors ippreżentat fis-26 ta’ Lulju 2013 — Federación Nacional de Cafeteros de Colombia vs UASI — Hautrive (COLOMBIANO HOUSE)**

(Kawża T-387/13)

(2013/C 274/35)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Federación Nacional de Cafeteros de Colombia (Bogotá, il-Kolombja) (rappreżentanti: A. Pomares Caballero u M. Pomares Caballero, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Nadine Helene Jeanne Hautrive (Chatou, Franza)

**Talbiet**

- temenda d-deċizzjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-17 ta’ Mejju 2012, fil-Każ R 757/2012-5, billi tqis li huma ssodisfatti f’dan il-każ ir-reqwiziti għall-applikazzjoni tar-raġuni relattiva għal rifjut ta’ reġistrazzjoni li tinsab fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009;
- inkella, fin-nuqqas, tannulla d-deċizzjoni kkontestata;
- u fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tagħha u dawk tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* Nadine Helene Jeanne Hautrive

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali “COLOMBIANO HOUSE” għal

prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 25 u 43 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 225 798

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjla invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* indikazzjoni ġeografika protetta li tinkludi l-elementi verbali “Café de Colombia”

*Deċizzjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni mihuda

*Deċizzjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:*

— ksur tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 510/2006;

— ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009 flimkien mal-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 510/2006;

— ksur ta’ rekwiżit proċedurali minħabba nuqqas ta’ motivazzjoni.

**Rikors ippreżentat fl-1 ta’ Awwissu 2013 — SolarWorld u Solsonica vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-393/13)

(2013/C 274/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* SolarWorld AG (Bonn, il-Ġermanja) u Solsonica SpA (Cittaducale, l-Italja) (rappreżentanti: L. Ruessmann, avukat, u J. Beck, Solicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

- tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;
- tannulla l-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 513/2013 <sup>(1)</sup> safejn dan jittardja, sas-6 ta’ Awwissu 2013, l-applikazzjoni tad-dazju anti-dumping provviżorju sħiħ fuq l-importazzjonijiet ta’ moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin, ċelloli u wejfers li jorjiginaw jew li huma kkonsegnati miċ-Ċina;